MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 349/2004

**Id-Direttur Generali tax-Xogholijiet**

**Vs**

**San Lucian Oil Company Limited – C-5387**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in ezami li bih is-socjeta' rikorrenti, wara li esponiet bil-qima illi dan huwa rikors a tenur ta' l-art 466(2) tal-Kodici ta' Procedura Civili u dan wara n-notifika ta' ittra ufficjali ta' l-14 ta' Gunju 2004 b'annessa Dikjarazzjoni Guramentata mahlufa mill-Perit Raymond Farrugia Direttur Generali tax-Xogholijiet;
2) Illi dwar l-allegati servizzi rezi, l-esponenti San Lucian Oil Company Limited ma ghandha ebda responsabilita' ghal dak li gie allegat u pretiz ghaliex l-ewwel dan l-allegat tixrid ta' zejt irid jigi ppruvat u stabbilit u in oltre l-esponeneti tikkontesta kwalunkwe responsabilita'; illi l-

esponenti tghid illi ma kellha ebda responsabilita' ghall-allegat.

Ghal-daqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi illi t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Gunju 2004 hija infondata fil-fatt u fid-Dritt bl-ispejjez kontra l-intimat kif ukoll kopja tal-istess ittra ufficjali u dikjarazzjoni guramentata annessa ma l-istess rikors.

Rat id-digriet Taghha precedenti moghti fl-24 ta' Gunju 2004 (Fol 5 tal-atti).

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 7 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1) Illi PRELIMINARJAMENT, ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kodici ta'Organizazzjoni u Procedura Civili sta ghas-socjeta' rikorrenti sabiex tipprova illi t-talba illi saret mill-esponenti u dana permezz ta' l-ittra ufficjali mahrug a tenur ta' l-Artikolu 466(1) ta' l-istess Kodici mhux wahda fondata;

2) Illi SUBORDINAMENT U MINGHAJR PREGUDIZZJU GHAS-SUEPOST, s-servizzi moghtija u spejjez ohra relatati ma' l-incident ta' tixrid ta' zejt f'Marsaxlokk jirreferu ghal servizzi illi jinghataw mill-Gvern u dana fl-interess pubbliku sabiex titwaqqaf il-hsara kkagunata minn incidenti fejn tirrizulta oil spill jew tniggiz iehor, liema xoghol ta' emergenza jkun debitat lill-persuna illi fil-kaz, odjern hija l-propjetarja tal-pipeline illi kkaguna tniggiz.

Ghaldaqstant, l-esponent qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti filwaqt illi tikkonferma illi s-somma ta' elfejn,mija u seba' Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm2,107.95), hija dovuta lill-esponent Direttur Generali tax-Xogholijiet rapprezentanti ammont dovut mir-rikorrent in konnessjoni ma' servizzi moghtija u spejjez ohra relatati ma' l-incident ta' tixrid ta' zejt f'Marsaxlokk.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.

Rat ir-rikors ulterjuri intavolat mis-socjeta’ rikorrenti (fol 15 ibid) u li bih wara li ipprometiet u esponiet bir-rispett illi prelimarjament l-allegat incident ta’ tixrid ta’ zejt f’Marsaxlokk sar fis-17 ta’ Lulju 1999 u dana skond l-ittra ufficjali tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet;

2) Illi kemm l-azzjonisti kif ukoll id-diretturi tas-socjeta’ rikorrenti nbidlu diversi drabi mid-data ta’ l-incident sallumm;

3) Illi in oltre, l-azzjonijisti illi prezentament huma l-proprjetarji tas-socjeta’ rikorrenti akkwistaw l-azzjonijiet fis-socjeta’ rikorrenti minghand is-socjeta’ estera Omisa Oil Management S.A. bl-ufficju registrat fl-Isvizzera;

4) Illi fis-share transfer agreement li bih sar it-trasferiment ta’ l-azzjonijiet fis-socjeta’ rikorrenti, is-socjeta’ estera Omisa Oil Management S.A. zammet ir-responsabilita’ ghal diversi claims liema claims jinkludu dik ta’ tixrid ta’ zejt illi sar f’Marsaxlokk nhar is-17 ta’ Lulju 1999,

Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti qieghda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tigi kjamata fil-kawza s-socjeta’ estera Omisa Oil Management S.A. u dan taht dawk il-provvediment kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fit-2 ta’ Marzu 2005 (fol 16 ibid).

Rat in-nota konguntiva a fol 17 tal-atti u li bih id-Direttur tat-Turizmu assuma l-atti minflok id-Direttur tax-Xogholijiet.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 20 tar-rikors numru 351/04 JAB) u li biha l-intimat espona bir-rispett:-

Illi l-esponent jopponi ghat-talba kif dedotta u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

1) Illi s-socjeta’ rikorrenti hija persuna legali u ghandha personalita’ distinta minn dik tal-azzjonisti u d-diretturi taghha.

2) Illi ghalhekk id-debitur f'dan il-kaz kienet u baqghet l-istess socjeta' rikorrenti u mhux l-azzjonisti jew id-diretturi taghha.
3) Illi ghalhekk mhux relevanti ghall-kaz odjern min kienu jew min huma l-azzjonisti tas-socjeta' rikorrenti. L-azzjonisti prezenti u passati jibqaghlhom rimedju civili kontra xulxin, izda r-relazzjoni ta' bejniethom mhux ta' relevanza ghall-intimat esponenti.
4) Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent mhux edott dwar xi arrangamenti li setghu saru bejn id-diversi azzjonisti li seta' kellha s-socjeta' rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba fir-rikors tal-1 ta' Marzu 2005.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi wara li gew ezaminati r-rikors in ezami u r-risposta relattiva jidher li s-socjeta' rikorrenti qed titlob il-kjamata in kawza tas-socjeta' estera, Omisa Oil Management S.A. minhabba bdil fl-azzjonisti u fid-diretturi tas-socjeta' rikorrenti u minhabba li l-azzjonist prezenti tas-socjeta' rikorrenti kienu akkwistaw l-azzjonisti f'din is-socjeta' minghand is-socjeta' estera msemmija u meta kien sar dan it-trasferiment ta' ishma, l-istess socjeta' estera "zammet ir-responsabilita' ghal diversi 'claims'…." fosthom dik in ezami.

Illi, mill-premess jidher car illi t-talba in ezami ma tistax tigi akkolta peress li
a) l-istess socjeta' estera kienet biss <u>azzjonista</u> f'dik rikorrenti u kull azzjoni legali ghandha tigi intavolata <u>kontra l-istess socjeta' rikorrenti</u> u mhux kontra l-azzjonisti, prezenti jew passati.
b) In rigward il-ftehim imsemmi bejn is-socjeta' estera u l-azzjonisti prezenti, din ghandha tigi kkunsiderata bhala "res inter alios acta" u ghalhekk kull dritt li jista' jkollha kemm fuq bazi legali kemm ta' fatt s-socjeta' rikorrenti kontra l-imsemmija s-socjeta' estera a bazi tal-istess ftehim ma ghandux jinvolvi lil terzi persuni f'dan il-kaz, id-direttur intimat.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba ghall-kjamata in kawza tas-socjeta' estera u tordna li kopja legali ta' dan id-digriet jigi inserit fir-rikors numru 351/04 JAB u li s-smiegh ta' dan ir-rikors jitkompla fuq il-mertu billi jingiebu l-provi tas-socjeta' rikorrenti.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------